



Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2017/2151(DEC)

25.1.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2016
(2017/2151(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Adina-Ioana Vălean

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li, fl-2016, il-baġit totali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ("l-Aġenzija") kien ta' EUR 50 487 497 (+2,7 % meta mqabbel mal-2015), li minnu EUR 36 309 240 (71,9 %) kien sar disponibbli permezz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea; jinnota li s-sussidju tal-Unjoni fl-2016 kien bħal dak tal-2015, u li t-tkabbir fil-baġit kien dovut għal żieda fil-fondi assenjati;
2. Jilqa' l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju min-naħħa tal-Aġenzija, li jirriżulta frata ta' eżekuzzjoni tal-baġit ta' 99,9 % tal-approprjazzjonijiet disponibbli tal-baġit princiċiali (sussidju tal-Unjoni u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi membri oħra);
3. Ifakk li, sa mit-twaqqif tagħha, l-Aġenzija, flimkien man-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (EIONET) tagħha, kienet sors ta' informazzjoni għal dawk involuti fl-iżvilupp, l-adozzjoni, l-implementazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni dwar l-ambjent u l-klima, kif ukoll il-politiki dwar l-iżvilupp sostenibbli, u kienet ukoll sors ta' informazzjoni għall-pubbliku ġenerali;
4. Jenfasizza li t-tnaqqis li għadu għaddej fil-persunal jirrapreżenta riskju għall-Aġenzija biex twettaq bis-sħiħ il-programm ta' ħidma pluriennali tagħha għas-snin 2014-2020, u jillimita l-kapaċċità tagħha li tirrispondi għal żviluppi tal-politika; jenfasizza li sar dejjem aktar diffiċċi għall-Aġenzija biex timmaniġġja r-riskji assoċjati mat-tnaqqis fir-riżorsi; jinnota li l-limitazzjoni ta' riżorsi umani kkontribwixxiet għar-rata ta' realizzazzjoni aktar baxxa li ġiet osservata fxi oqsma strateġiċi;
5. Jilqa' l-fatt li madwar 77 % tal-persunal kollu huwa ddedikat għal attivitajiet operattivi; jieħu nota tal-fatt li r-rata ta' okkupazzjoni tal-Aġenzija għal aġenti temporanji hija ta' 99,2 %, b'129 membru tal-persunal meta mqabbel mal-130 kariga disponibbli, filwaqt li l-aħħar kariga hija riżervata għal tnaqqis magħruf fl-organigramma fl-2017;
6. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-awditu dwar il-proċess tat-tħejjija tar-Rapport dwar il-Qagħda tal-Ambjent 2015 fl-Aġenzija, li ddeterminaw li l-proċessi awditjati, b'mod ġenerali kienu tajbin għall-iskop tagħhom;
7. Jieħu nota tal-adozzjoni tal-linji gwida tal-Aġenzija dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta;
8. Jinnota li, wara l-osservazzjonijiet mill-awtorità ta' kwittanza, l-Aġenzija tejbet il-metodi ta' verifika billi pprovdiet linji gwida u taħriġ lis-sħab taċ-Ċentri Tematiki Ewropej rigward il-kriterji għall-eliġibilità tal-ispejjeż;
9. Jenfasizza li l-Kummissjoni, f'konformità mal-Āġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar, fl-2016 bdiet evalwazzjoni tal-Aġenzija u l-EIONET li tkopri l-perjodu bejn nofs l-2012 u tmiem l-2016, li s-sejbiet tagħha se jintużaw biex jiġi vvaluat kemm qed taħdem tajjeb l-Aġenzija;

10. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Audituri ħabbret li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Агентија гħas-sena finanzjarja 2016 kien legali u regolari fl-aspetti materjali kollha; ifaħħar lill-Агентија dwar l-implementazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi rakkomandati kollha mill-2012 sal-2015;
11. Jirrakkomanda, abbażi tal-fatti disponibbli, li tingħata l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Агентија Ewropea għall-Ambjent fir-rigward tal-implementazzjoni tal-baġit tal-Агентија għas-sena finanzjarja 2016.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	24.1.2018	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	39 6 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Affronte, Pilar Ayuso, Ivo Belet, Simona Bonafè, Biljana Borzan, Paul Brannen, Nessa Childers, Birgit Collin-Langen, Seb Dance, Stefan Eck, José Inácio Faria, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Arne Gericke, Julie Girling, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Jytte Guteland, Anneli Jääteenmäki, Karin Kadenbach, Urszula Krupa, Giovanni La Via, Peter Liese, Susanne Melior, Gilles Pargneaux, Piernicola Pedicini, Bolesław G. Piecha, John Procter, Julia Reid, Frédérique Ries, Daciana Octavia Sârbu, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean, Jadwiga Wiśniewska, Damiano Zoffoli	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Martin Häusling, Norbert Lins, Nuno Melo, Ulrike Müller, Christel Schaldemose, Bart Staes, Keith Taylor, Carlos Zorriño	
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jiří Maštálka	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

39	+
ALDE	Gerben-Jan Gerbrandy, Anneli Jäätteenmäki, Ulrike Müller, Frédérique Ries
EFDD	Piernicola Pedicini
GUE/NGL	Stefan Eck, Jiří Maštálka
PPE	Pilar Ayuso, Ivo Belet, Birgit Collin-Langen, José Inácio Faria, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Giovanni La Via, Peter Liese, Norbert Lins, Nuno Melo, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean
S&D	Simona Bonafè, Biljana Borzan, Paul Brannen, Nessa Childers, Seb Dance, Jytte Guteland, Karin Kadenbach, Susanne Melior, Gilles Pargneaux, Christel Schaldemose, Daciana Octavia Sârbu, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Damiano Zoffoli, Carlos Zorrinho
VERTS/ALE	Marco Affronte, Martin Häusling, Bart Staes, Keith Taylor

6	-
ECR	Arne Gericke, Urszula Krupa, Bolesław G. Piecha, John Procter, Jadwiga Wiśniewska
EFDD	Julia Reid

1	0
ECR	Julie Girling

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni